# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 231/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmel Magro**

Seduta tas-27 t'April, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Carmel Magro, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 184866M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-2 ta' Ottubru, 2015 ghall-habta ta' 17:10hrs gewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, Gzira: (1) Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku iehor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, skond Kap 65 Artikolu 15A (1); u (2) Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur ohra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina kienet izjed mil-limitu preskritt, skond Kap 65 Artikolu 15B (1). Il-prosekuzzjoni talbet li jkun skwalifikat

mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' April, 2016 li biha ma sabitx lill-appellat hati taz-zewg imputazzjonijiet u konsegwentement illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier taghha u minflok tghaddi sabiex issib lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u konsegwentement tiskwalifikah mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, u tghaddi wkoll sabiex tinfliggi piena ekwa u gusta konsiderando c-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern;

Rat l-aggravju tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-Avukat Generali appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti fuq il-gravami singolari tal-apprezzament zbaljat tal-fatti mressqa u dan meta l-istess Qorti ddecidiet illi d-dokument tat-test tan-nifs ma setghax jitqies bhala prova stante li kellu d-data tieghu alterata;
2. L-Avukat Generali huwa tal-fehma illi d-dokument in kwistjoni, li huwa rizultat tat-test tan-nifs, huwa wiehed validu u juri li t-test sar

fit-2 t'Ottubru, 2015, huwa ffirmat mill-appellat, u kkorroborat minn affidavit ta' zewg ufficcjali tal-Pulizija li ghamlu l-istess test;

3. Illi huwa assodat fil-gurisprudenza illi din il-Qorti, bhala Qorti tal-Appell Kriminali, ma tiddistrubax l-apprezament u l-konkluzzjoni dwar fatti raggunti mill-Ewwel Qorti hlief jekk tkun konvinta li dik l-Ewwel Qorti ma setghetx, fuq il-provi li kellha quddiemha, ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha (ara in rigward, fost diversi ohra **Il-Pulizija vs Simon Paris App. Krim., 15.7.1996**). Dan il-principju japplika ugwalment meta l-appell ikun tal-Avukat Generali. Jokkorri ghalhekk ezami tal-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti;

4. Minn ezami tal-atti processwali jemergi illi l-prosekuzzjoni ressqet bhala provi affidavit ta' PS853, iehor ta' PC 301 u rizultat tat-test ta' nifs. Dan l-ahhar dokument li jinsab a fol 9 jidher li kien "prezentat" fl-udjenza tad-19 t'April 2016 semplicement u prezumibilment mill-prosekuzzjoni billi ghaddiet id-dokument lill-Qorti. Fil-verbal ta' dik l-udjenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (fol 6) hemm biss mnizzel hekk: "Il-Prosekuzzjoni prezentat il-Breathilizer Test Report li sar fuq l-akkuzat u PIRS Report". Ezaminat dan ir-rapport, jemergi illi huwa intestat Rekord tat-Test tan-Nifs tal-Alkohol li ghandu stampat fuqu id-data tat-2 t'Ottubru, 2015 fost dettalji ohra. Dan id-dokument huwa ukoll iffirmat fit-tarf tieghu f'dik il-parti indikata Firma tal-Persuna. F'dik il-parti umbaghad li hija mhollija sabiex tkun iffirmata mill-ufficcjal li jkun ghamel it-test, hemm stampat isem u n-numru tal-istess ufficcjal, izda il-parti intiza ghal firma hija vojta. Minflok, hemm timbru tal-ufficcjal bid-data tat-2 t'Ottubru 2015. Din id-data tat-timbru, u l-partijiet kollha jaqblu dwar dan, originarjament kienet taqra 26 u minnha tghatta n-numru 6 sabiex issa saret taqra 2 t'Ottubru 2015;

L-ewwel Qorti deherilha illi dan il-bdil fid-data ma jistax jitqies bhala prova. Din il-Qorti zzid ma' dan billi tirrimarka illi t-test mhux iffirmat mill-istess ufficcjal li ghamlu. Il-fotokopji tal-affidvaits tal-ufficcjali tal-Pulizija ma huwiex awtentikati kif titlob il-ligi la darba ma huwiex originali. Kif tajjeb irrimarka l-abbli difensur tal-appellat, dawn huma kopja fotostatika privi minn kwalsiasi forma ta' awtentikazzjoni kif titlob il-ligi. L-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali jiddisponi *inter alia* illi l-artikoli 627 sa 633 u 635 sa 637 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li ghandhom x'jaqsmu ma' provi permezz ta' dokumenti u l-esebizzjoni ta' dokumenti li jkunu fil-pussess ta' haddiehor jghoddu ghall-qrati tal-gustizzja kriminali. Il-kopji taz-zewg affidavit ghalhekk kellhom ikunu awtentikati la darba esebiti fil-forma ta' kopja;

5. It-tibdil fid-data tat-test kien jirrikjedi spjegazzjoni mill-ufficcjal responsabbli b'mod partikolari jekk dak it-tibdil sarx quddiem l-appellat u jekk le, allura ghaliex prezentah b'dik l-alterazzjoni minghajr ma almenu iffirma fuqu;

6. L-ewwel Qorti korrettament ikkonkludiet illi dak ir-rizultat tat-test ma joffri ebda prova kontra l-appellat. Bhala konsegwenza, id-decizzjoni taghha li ma ssibx lill-appellat hati kienet wahda li setghet legalment u ragjonevolment tasal ghaliha u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tissindika ulterjorment tali apprezzament;

7. Ghal dawn il-motivi, l-appell tal-Avukat Generali qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha;